KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fit-8 ta' Novembru 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. B'deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru 2006, li waslet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Novembru suċċessiv, it-Tribunal du travail de Bruxelles (il-Belġju) ressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej, u li jistabbilixxi miżuri partikolari li huma temporanjament applikabbli għall-uffiċjali tal-Kummissjoni [2].

2. Din il-kwistjoni ġiet issollevata fil-kuntest ta' kawża bejn S. Gysen u istituzzjoni tas-sigurtà soċjali tad-dritt Belġjan għal persuni li jaħdmu għal rashom rigward id-determinazzjoni ta' l-ammont ta' l-allowances għat-tfal dipendenti li l-imsemmi istituzzjoni għandha tħallas lil S. Gysen għal tnejn mit-tlett itfal tagħha skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

3. Skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11 tiegħu, ir-Regolament Nru 259/68 "għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha".

4. L-Artikolu 67(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej, (iktar 'il quddiem: ir-"Regolamenti tal-Persunal"), hekk kif iddefinit mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 259/68 u kif jirriżulta mill-emendi suċċessivi ta' dan ta' l-aħħar, jipprovdi favur

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.
2 — ĠU 1968, L 56, p. 1.

dawn l-uffiċjali tliet tipi ta' allowances tal-familja: l-allowance tal-familja, l-allowance għat-tfal dipendenti u l-allowance ta' l-edukazzjoni.

5. L-Artikoli 1, 2 u 3 ta' l-Anness VII għar-Regolamenti tal-Persunal jiffissaw, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet li għalihom huwa suġġett l-għoti ta' kull wieħed minn dawn l-allowances u l-ammont korrispondenti.

6. L-Artikolu 67(2) jippreċiża li "[l]-uffiċjali li jirċievu allowance tal-familja msemmija [f'dan] l-Artikolu għandhom jiddikjaraw il-benefiċċji ta' l-istess natura mħallsa minn sorsi oħra", li "għandhom jitnaqqsu minn dawk imħallsa taħt l-Artikoli 1, 2 u 3 ta' l-Anness VII".

7. Skond l-Artikoli 20(2) u 21 tal-Kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem: il-"KĦO"), hekk kif iddefiniti mill-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 259/68 u kif jirriżultaw mill-emendi suċċessivi ta' dan ta' l-aħħar, l-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll l-Artikoli 1, 2 u 3 ta' l-Anness VII għall-istess Regolament huma applikabbli b'analoġija għall-persunal temporanju.

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

8. Skond l-iskema stabbilita mid-Digriet Irjali Belġjan tat-8 ta' April 1976, li jistabbilixxi l-iskema ta' l-allowances tal-familji għall-persuni li jaħdmu għal rashom [3] (iktar 'il quddiem: id-"Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976"), l-ammont tal-allowance għat-tfal dipendenti jiddependi mill-pożizzjoni (iktar 'il quddiem: is-"sekwenza tat-twelid") ta' kull tifel li jibbenefika minn din l-allowance fil-klassifikazzjoni tat-tfal benefiċjarji tal-ħaddiem ikkonċernat. Iktar preċiżament, tali ammont jiżdied skond in-numru tat-tfal li jibbenefikaw mill-allowances: u għalhekk huwa ogħla għat-tieni tifel milli għall-ewwel wieħed u għola għat-tielet u għat-tfal suċċessivi.

9. Madankollu, l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) tad-Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976, kif emendat, b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2001, mill-Artikolu 4 tad-Digriet Irjali tas-7 ta' Settembru 2003, [4] jippreċiża dan li ġej:

"Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 17, 19, 20 u 20a, il-klassifikazzjoni hija ddeterminata billi titqies il-kronoloġija tat-twelid tat-tfal li jibbenefikaw [minn allowances] skond dan id-Digriet, il-liġijiet ikkoordinati dwar l-allowances tal-familja għal persuni

3 — Moniteur Belge/Belgisch Staatsblad tas-6 ta' Mejju 1976, p. 5952. Maż-żmien, dan id-digriet kien suġġett għal għadd ta' emendi.

4 — Moniteur Belge/Belgisch Staatsblad ta' l-1 ta' Ottubru 2003, p. 48215.

mpjegati, tad-Digriet Irjali tas-26 ta' Marzu 1965 dwar l-allowances tal-familja assenjati lil ċerti kategoriji tal-persunal remunerat ta' l-Istat, tal-liġi ta' l-20 ta' Lulju 1971 li tistabbilixxi allowances tal-familja ggarantiti u l-konvenzjonijiet internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju". [5]

III — Il-fatti u d-domanda preliminari

10. S. Gysen, ċittadina Belġjana, teżerċita attività professjonali indipendenti fil-Belġju.

11. Hija omm ta' tlett itfal: Adrien, li twieled fl-1989 mill-ewwel żwieġ tagħha, li ntemm b'divorzju fl-1993, Augustin u Elise, li twieldu rispettivament fl-1994 u fl-1996 mit-tieni żwieġ, li anki dan intemm b'divorzju fl-2000.

12. L-ewwel raġel ta' S. Gysen, missier Adrien, daħal jaħdem mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej bħala impjegat temporanju fl-1 ta' Diċembru 2001. Mill-istess data, S. Gysen, li b'deċiżjoni ġudizzjarja ngħatatilha l-kustodja ta' Adrien, għan-nom u f'isem missier it-tifel kienet tirċievi mingħand il-Kummissjoni l-ammont sħiħ ta' l-allowance dovuta għat-tifel, bħala tifel dipendenti, skond ir-Regolamenti tal-Persunal u skond il-KĦO.

13. Rigward iż-żewġt itfal żgħar ta' S. Gysen, skond deċiżjoni ġudizzjarja, l-allowances talfamilja li toħroġ l-A.s.b.l. Groupe S — Caisse d'Assurances sociales pour indépendants (iktar 'il quddiem: il-"Caisse") teħodhom ukoll S. Gysen, li għandha l-kustodja konġunta ta' l-imsemmija tfal flimkien mattieni raġel tagħha.

14. B'ittra tat-22 ta' Frar 2002, S. Gysen ikkomunikat lill-Caisse li mill-1 ta' Diċembru 2001 hija kienet qed tirċievi l-allowances għal Adrien mingħand il-Kummissjoni.

15. Għaldaqstant, il-Caisse waqaf jagħti lil S. Gysen l-allowances għal binha Adrien, iżda kompla jagħtiha l-allowances għal uliedha Augustin u Elise bħala t-tieni u t-tielet ulied tagħha.

16. Madankollu, minn Marzu 2003 il-Caisse naqqas mill-allowances għall-familja ta' kull xahar li jitħallsu lil S. Gysen ammont totali ta' EUR 2 284,84, bħala d-differenza mhux

5 — Traduzzjoni mhux uffiċjali mit-test oriġinali bil-Franċiż.

dovuta bejn l-allowances li diġà tħallsu għal Augustin u Elise bħala t-tieni u t-tielet ulied tagħha u dawk li skond il-Caisse kellhom minflok jitħallsulha għall-istess tfal bħala l-ewwel u t-tieni ulied bħala sekwenza. Minn dak inhar 'il quddiem, il-Caisse beda jħallas lil S. Gysen allowances għal Augustin u Elise bħala l-ewwel u t-tieni ulied tagħha. Il-Caisse fil-fatt ikkunsidra li t-tfal li jibbenefikaw mill-benfiċċji tal-familja mogħtija mill-Komunitajiet Ewropej ma jistgħux jitqiesu għall-finijiet tal-formazzjoni tal-grupp ta' tfal benefiċjarji skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 16(1) tad-Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976.

17. S. Gysen għalhekk ressqet rikors quddiem it-Tribunal du travail de Bruxelles (il-Qorti tax-xogħol ta' Brussell) sabiex jiġi ddikjarat li t-tfal Augustin u Elise għandhom jiġu kkunsidrati bħala t-tieni u t-tielet ulied fil-klassifikazzjoni skond l-imsemmi Artikolu kif ukoll sabiex il-Caisse jiġi ordnat li jħallsilha lura l-ammonti mnaqqsa mill-allowances li ngħatawlha minn Marzu 2003 u jħallsuha l-arretrati li jikkorrispondu għad-differenza bejn l-ammont imħallas u l-ammont dovut bħala allowances għall-istess tfal.

18. L-imsemmija qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tistaqsi d-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Ir-Regolament [Nru 259/68] u l-"Anness VII tiegħu: regoli li jirrigwardaw remunerazzjoni […]", taqsima 1, Allowances tal-familja, l-Artikolu 67(1), [li] jinkludu:

a) l-allowance ta' numru ta' nies id-dar,

b) l-allowance għat-tfal dipendenti,

c) l-allowance għall-edukazzjoni,

jistgħu jew għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jikkostitwixxu dak li t-test leġiżlattiv nazzjonali hawnhekk in kwistjoni jiddefinixxi bħala: '… konvenzjoni internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju'?"

IV — L-analiżi ġuridika

19. Sabiex tinstab soluzzjoni għall-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju għandha tistabbilixxi jekk, skond ir-regoli tad-Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976, fil-formazzjoni tal-grupp ta' tfal ta' persuna li taħdem għal rasha li jibbenefikaw minn allowances

tal-familja, li hija meħtieġa sabiex tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni ta' kull wieħed mit-tfal u għaldaqstant l-ammont ta' l-allowance li għandha titħallas għal kull wieħed minnhom, għandhomx jitqiesu jew le t-tfal li għalihom l-istituzzjonijiet Komunitrji jħallsu allowances tal-familja fis-seħħ skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-KĦO.

20. Il-partijiet fil-kawża prinċipali ddiskutew, quddiem il-qorti tar-rinviju, il-partijiet, dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' konvenzjoni internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) ta' l-imsemmi Digriet Irjali. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, ir-referenza għall-"konvenzjonijiet internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju" ġiet inkluża fl-imsemmija dispożizzjoni b'Digriet Irjali tas-7 ta' Settembru 2003 wara sentenza tal-Cour d'arbitrage (il-qorti ta' arbitraġġ)[6] tal-Belġju Nru 106/2001 tat-13 ta' Lulju 2001,[7] li permezz tagħha ġie deċiż li l-Artikolu 42 tal-liġijiet Belġjani dwar l-allowances tal-familja għal persuni impjegati, ikkoordinati mid-Digriet Irjali tad-19 ta' Diċembru 1939[8], jikser l-Artikoli 10 u 11 tal-Kostituzzjoni Belġjana, dwar il-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' non diskriminazzjoni, "peress li, għall-finijiet tal-kalkolu tal-klassifikazzjoni li tiddetermina l-ammont ta' l-allowances tal-familja, kien jillimita l-kunsiderazzjoni tat-tfal li jibbenefikaw lil dawk li jirċievu din l-allowance skond l-imsemmija liġijiet ikkoordinati, mingħajr ma jista' jittieħed kunsiderzzjoni tat-tifel li jibbenefika minn allowances tal-familja fis-seħħ skond il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea li ġiet iddikjarata applikabbli mid-dritt Komunitarju".[9]

21. Fil-kawża prinċipali, S. Gysen sostniet li l-kunċett ta' "konvenzjonjiet internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju", skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) tad-Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976, jinkludi d-dispożizzjonijiet vinkolanti li ġew żviluppati fil-kuntest ta' istituzzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku, bħal dawk inklużi fir-Regolamenti tal-Persunal.

22. Min-naħa l-oħra, il-Caisse sostna li l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' l-imsemmija dispożizzjoni mwettqa permezz tad-Digriet Irjali tas-7 ta' Settembru 2003 tiġi applikata biss fir-rigward tal-pajjiżi li magħhom il-Belġju ikkonkluda konvenzjonijiet internazzjonali multilaterali jew bilaterali fil-qasam tas-sigurtà soċjali. Hija enfasizzat li madankollu ma teżisti l-ebda konvenzjoni bejn il-Belġju u l-istituzzjonijiet Ewropej jew internazzjonali li jħallsu l-allowances tal-familja lill-membri tal-persunal tagħhom.

6 — Fis-7 ta' Mejju 2007, b'emenda għall-Kostituzzjoni Belġjana, l-isem Cour d'arbitrage inbidel f'Cour constitutionnelle/Grondwettelijk Hof/Verfassungsgerichtshof (Qorti Kostituzzjonali) (Moniteur Belge/Belgisch Staatsblad tat-8 ta' Mejju 2007, p. 25101 u 25102).

7 — Moniteur Belge/Belgisch Staatsblad tat-13 ta' Novembru 2001, p. 38689.

8 — Moniteur Belge/Belgisch Staatsblad tat-22 ta' Diċembru 1939, p. 8702.

9 — Traduzzjoni mhux uffiċjali tad-dispożittiv tas-sentenza in kwistjoni.

23. Il-Caisse irrileva li, għalkemm it-Trattati li stabbilixxew il-Komunitajiet huma konvenzjonijiet internazzjonali fis-seħħ fil-Belġju u li ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti minn dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali huma direttament applikabbli fl-Istati Membri, madankollu id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal, minkejja li jagħtu lill-uffiċjali Komunitarji drittijiet li dawn jistgħu jinfurzaw fil-konfront ta' min iħaddimhom, mhumiex immedjatament u direttament applikabbli fis-sistema legali Belġjana.

24. Id-deċiżjoni tar-rinviju mbagħad issemmi l-opinjoni mogħtija mill-Prosekutur Pubbliku fil-kawża prinċipali, skond liema r-Regolament Nru 259/68, li għandu l-bażi ġuridika tiegħu f'żewġ Trattati internazzjonali li ġew irratifikati mill-Belġju — it-Trattat KE u l-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965 [10] — u billi, skond l-Artikolu 11 tiegħu, għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha, għandu jiġi kkunsidrat bħala li jaqa' taħt il-kunċett ta' konvenzjoni internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju għall-finijiet ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) tad-Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976.

25. Wara li rreferiet għall-pożizzjonijiet tal-partijiet u tal-Prosekutur Pubbliku, kif imfakkra iktar 'il fuq, u wara li rrilevat li din l-aħħar dispożizzjoni, meta rreferiet għall-"konvenzjonijiet internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju", ġiet ifformulata b'mod differenti minn dispożizzjonijiet nazzjonali oħra li, fil-kuntest distint tal-pensjonijiet, jagħmlu referenza espliċita għar-"Regolamenti tal-persunal li jaqgħu taħt id-dritt pubbliku internazzjonali", il-qorti tar-rinviju fformulat id-domanda preliminari in eżami mingħajr ma żviluppat kunsiderazzjonijiet ulterjuri.

26. Jidher ċar li, hekk kif inhi fformulata fid-deċiżjoni tar-rinviju, id-domanda preliminari ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Meta l-qorti tar-rinviju staqsiet jekk ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Anness VII tiegħu jikkostitwixxux "konvenzjon[i] internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju" skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) tad-Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976, il-qorti tar-rinviju kienet fil-fatt qed titlob mill-Qorti tal-Ġustizzja l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt Belġjan. [11] Issa, kif inhu magħruf, fil-kuntest tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja li ġiet stabbilita mill-Artikolu 234 KE, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jinterpretaw il-liġijiet nazzjonali u mhux il-Qorti tal-Ġustizzja. [12]

27. Għalhekk, hija l-qorti tar-rinviju stess li għandha tistabbilixxi xi tfisser "konvenzjon[i] internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju" skond id-dispożizzjoni nazzjonali

10 — ĠU 1967, L 152, p. 13.

11 — Għandu jiġi osservat li, minkejja li t-test ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali ma jidhirx iċċitat fid-deċiżjoni tar-rinviju, dan jidher fl-inkartament dwar il-kawża nazzjonali li ġie trażmess flimkien mat-talba għal deċiżjoni preliminari, id-deċiżjoni tar-rinviju madankollu tippermetti li jinftiehem il-kontenut ta' l-istess dispożizzjoni.

12 — Sentenzi tat-12 ta' Ottubru 1993, Vanacker u Lesage (C-37/92, Ġabra, p. I-4947, punt 7), u ta' l-20 ta' Ottubru 2005, Ten Kate Holding Musselkanaal *et* (C-511/03, Ġabra p. I-8979, punt 25, u l-ġurisprudenza ċċitata).

ċċitata iktar 'il fuq. L-applikazzjoni ta' din l-istess dispożizzjoni u, minħabba dan il-fatt, l-evalwazzjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk ir-Regolamenti tal-Persunal u l-KĦO jaqgħux taħt dan il-kunċett legali huma wkoll ġurisdizzjoni tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss tipprovdi kjarifiki rigward in-natura ġuridika ta' dawn l-atti sabiex il-qorti tar-rinviju tkun tista' twettaq l-imsemmija evalwazzjoni.

28. Dawn il-kjarifiki, anki jekk ma jippreżentawx elementi ta' dubju jew ta' kumplessità, huma iktar utli fid-dawl ta' xi affermazzjonijiet magħmula quddiem il-qorti tar-rinviju. Partikolarment, insemmi li l-Caisse iddeduċa matul il-kawża prinċipali li d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal, minkejja li jagħtu lill-uffiċjali Komunitarji drittijiet li dawn jistgħu jinfurzaw fil-konfront ta' min iħaddimhom, madankollu mhumiex immedjatament u direttament applikabbli fis-sistema legali Belġjana.

29. Għaldaqstant inqis li d-domanda li għamlet il-qorti tar-rinviju tista' tiġi fformulata mill-ġdid f'termini intiżi li jistabbilixxu n-natura ġuridika tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-KĦO u l-eventwali applikabbilità diretta tagħhom fis-sistema legali Belġjana.

30. F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel nett jiġi mfakkar li l-adozzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-KĦO tikkostitwixxi l-implementazzjoni min-naħa tal-Kunsill tad-dispożizzjoni tat-Trattat KE (illum l-Artikolu 283 KE) li titlob lill-imsemmija istituzzjoni sabiex jistabbilixxi, fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra interessati, ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra ta' dawn il-Komunitajiet. [13] Id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-KĦO jikkostitwixxu sussegwentement mezzi ta' implementazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari fl-Artikoli 7 u 12-16 tiegħu, li anness mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, għandu l-istess natura u l-istess livell bħal dawn it-Trattati.

31. Minbarra dan, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif diġà enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regolamenti tal-Persunal u l-KĦO ġew adottati permezz tar-Regolament Nru 259/68 u li skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 189 tat-Trattat KEE (li sar it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 249 KE), dan ir-Regolament għandu jkollu applikazzjoni ġenerali, ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, [14] kif wara kollox ġie speċifikat fl-Artikolu 11 ta' l-imsemmi Regolament. Isegwi li, skond

13 — Iktar preċiżament, ir-Regolament Nru 259/68 ġie adottat abbażi ta' l-Artikolu 24(1) tat-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU 1967, Nru 152, p. 2), artikolu li jħassar l-Artikolu 212 tat-Trattat KEE preċedenti u li minnu ttieħed il-kontenut ta' l-Artikolu 283 KE.

14 — Sentenzi ta' l-20 ta' Ottubru 1981, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (137/80, Ġabra p. 2393, punt 7), u tas-7 ta' Mejju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (186/95, Ġabra, p. 2029, punt 21).

il-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra l-effetti li jagħmlu fis-sistema interna ta' l-amministrazzjoni Komunitarja, ir-Regolamenti tal-Persunal u l-KĦO jorbtu wkoll lill-Istati Membri fil-każijiet kollha fejn tkun meħtieġa l-kollaborazzjoni tagħhom biex jimplementaw dawn id-dispożizzjonijiet. [15]

32. Għalhekk, per eżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja — filwaqt li rrilevat li l-Artikolu 67(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jippermetti li jiġu solvuti l-kunflitti bejn is-sistema Komunitarja u d-diversi sistemi nazzjonali, l-allowances tal-familja previsti mill-imsemmija Regolamenti jingħataw lil dawk li għandhom dritt għalihom biss għall-parti fejn jeċċedu l-ammont ta' l-allowances komparabbli li jitħallsu skond sistema prevista mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru — osservat li "peress li hija bbażata fuq l-istess Artikolu 67(2), jiġifieri fuq dispożizzjoni li tinsab f'regolament li ġie adottat skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 189 tat-Trattat KEE, in-natura komplementarja ta' l-allowances tar-Regolamenti [tal-Persunal] torbot lill-Istati Membri u ma tistax tiġi injorata minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali" [16].

33. Ir-Regolamenti tal-Persunal u l-KĦO għalhekk jorbtu lill-Istati Membri kollha, u, fost dawn, anki l-Belġju. Barra minn hekk, wieħed ma jistax isostni li tali effett restrittiv fir-rigward ta' l-awtoritajiet Belġjani ma jeżistix fil-każ in eżami peress li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddikjarat ukoll li l-Artikolu 67(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ma jimponix "obbligi fuq l-Istati Membri fil-qasam ta' l-allowances tal-familja f'sitwazzjonijiet fejn il-konjuġi ta' l-uffiċjali, uffiċjal li sadanittant irtira jew kull ħaddiem ieħor tal-Komunitajiet jeżerċita attività ta' xogħol indipendenti fit-territorju ta' Stat Membru " [17].

34. Din l-osservazzjoni min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja tfisser sempliċement li mhux ipprojbit lil Stat Membru li jiċħad l-allowances tal-familja previsti mil-liġijiet tiegħu, billi jsostni l-possibbiltà għall-persuni li għandhom dritt li jibbenefikaw, għall-istess tifel, minn allowances tal-familja mħallsa skond ir-Regolamenti tal-Persunal u l-KĦO fis-sitwazzjonijiet fejn il-konjuġi ta' l-uffiċjal jew ta' l-impjegat tal-Komunitajiet jaħdem għal rasu fit-territorju tiegħu. [18] Kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt "l-allowances ta' l-istess natura li, skond id-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq, għandhom jitnaqqsu mill-allowances tal-familja tar-Regolamenti [tal-Persunal] u għalhekk jeżentaw lill-istuzzjonijiet mill-obbligu li jħallsuhom huma biss dawk imħallsa fir-rigward ta' attività ta' xogħol bħala persuna impjegata". [19] In-nuqqas ta' applikabbiltà ta' l-Artikolu 67(2) tar-Regolamenti tal-Persunal fis-sitwazzjonijiet li ssemmew iktar 'il fuq però ma jnaqqas xejn mill-portata obbligatorja u

15 — Sentenzi ta' l-20 ta' Ottubru 1981, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq, punt 8, u tas-7 ta' Mejju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21.

16 — Sentenza tas-7 ta' Mejju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23.

17 — *Ibid*, punt 34.

18 — *Ibid*, punt 33.

19 — *Ibid*.

mill-applikabbiltà diretta ta' dawn ir-Regolamenti u tal-KĦO fl-Istati Membri kollha, inkluż il-Belġju.

35. Minkejja dan, nistgħu nirrispondu għaddomanda preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement billi nuru li r-Regolamenti tal-Persunal u l-KĦO, li ġew approvati permezz ta' leġiżlazzjoni Komunitarja, jorbtu fl-intier tagħhom u huma direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

36. Madankollu, il-Kummissjoni, l-unika parti f'din il-proċedura preliminari li flimkien ma' S. Gysen ippreżentat osservazzjonijiet bil-miktub, tissuġġerixxi li d-domanda preliminari tiġi fformulata mill-ġdid f'termini iktar wesgħin minn dawk li jiena indikajt filparagrafu 29 iktar 'il fuq. Fil-fatt, hija qed tipproponi li jiġi kkunsidrat li l-qorti tarrinviju sostanzjalment tixtieq tkun taf "jekk id-dritt Komunitarju għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li dispożizzjoni nazzjonali, li tgħid li meta l-allowances talfamilji li għalihom għandha dritt persuna li taħdem għal rasha, jitħallsu, kollha kemm huma, mis-sistema Komunitarja stabbilita skond ir-Regolament tal-Persunal [...] it-tifel li jibbenefika minn dawn l-allowances m'għandux jiġi kkunsidrat għaddeterminazzjoni tas-sekwenza tat-tfal ta' dan il-ħaddiem [...], ħaġa li tikkundizzjona l-ammont ta' l-allowances tal-familja [li għandhom jitħallsu għat-tfal l-oħra ta' l-istess ħaddiem]".

37. Jekk tiġi fformulata b'dan il-mod, id-domanda preliminari mhijiex intiża sempliċement sabiex jinkisbu kjarifiki dwar in-natura ġuridika tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-KĦO sabiex il-qorti tar-rinviju tkun tista' tivverifika jekk dawn l-atti jaqgħux taħt il-kunċett leġiżlattiv, li l-portata tiegħu l-imsemmija qorti għandha tiddefinixxi fuq il-livell tad-dritt intern, bħala "konvenzjonijiet internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju".

38. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni tirrigwarda, jew f'kull ipoteżi wkoll, dwar l-eżistenza ta' limiti tad-dritt Komunitarju, bħala s-sors tad-dritt ta' livell superjuri, għall-interpretazzjoni u għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni interna in kwistjoni. Għaldaqstant, irridu nindividwalizzaw — tenut kont ta' l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tinterpreta d-dispożizzjoni interna b'mod kemm jista' jkun konformi mad-dritt Komunitarju u anki, f'ċerti kundizzjonijiet li ma tapplikahiex fejn l-imsemmija interpretazzjoni konformi ma tkunx possibbli — ir-rekwiżiti eventwali meħtieġa mid-dritt Komunitarju li għandhom jidderieġu lill-qorti tar-rinviju biex tiddefinixxi l-applikazzjoni ta' l-imsemmi kunċett leġiżlattiv nazzjonali u, jekk ikun il-każ, biex tevalwa l-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tad-dispożizzjoni li tinkludi dan il-kunċett meta dan ma jistax jinftiehem fis-sens li jinkludi anki lir-Regolamenti tal-Persunal u l-KĦO.

39. Jeħtieġ li nistaqsu jekk il-formulazzjoni mill-ġdid tad-domanda preliminari li qed tissuġġerixxi l-Kummissjoni, fejn is-suġġett

tad-domanda li għamlet il-qorti tar-rinviju jiġi estiż b'mod kunsiderevoli, ma jmurx lilhinn mill-kuntest ta' kollaborazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali kif ġie stabbilit mis-sistema mwaqqfa mill-Artikolu 234 KE.

40. F'dan ir-rigward, infakkar li skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, quddiem domandi li jiġu ifformulati b'mod mhux xieraq jew li jeċċedu l-kuntest tal-funzjonijiet li ingħatawlha mill-Artikolu 234 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu mill-elementi kollha li tkun ipprovditilha l-qorti tar-rinviju, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni ta' l-att li jirrigwarda r-rinviju, l-elementi ta' dritt Komunitarju li jeħtieġu interpretazzjoni, b'kunsiderazzjoni tas-suġġett tal-kawża. [20]

41. Biex tipprovdi soluzzjoni utli lill-qorti li ressqet domanda preliminari quddiemha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi mħeġġa sabiex tieħu in kunsiderazzjoni dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li l-qorti nazzjonali ma tkunx irreferiet għalihom meta fformulat id-domanda. [21] Dan seħħ kemm f'każijiet fejn id-domanda preliminari li tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tirreferi għal dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li ma kinux rilevanti fis-sitwazzjoni li tat bidu għall-proċedura preliminari, [22] kif ukoll f'każijiet fejn id-domanda ma kienet tirreferi għal ebda regola speċifika tad-dritt Komuntarju, iżda għamlet referenza għat-Trattat KE jew għad-dritt Komunitarju kollu. [23]

42. Fil-ġurisprudenza ma jonqsux każijiet fejn il-Qorti tal-Ġustizzja estendiet is-suġġett tad-domanda preliminari li tressqet quddiemha fejn tat deċiżjoni dwar il-validità ta' test tad-dritt Komunitarju meta d-domanda preliminari kienet ifformulata mill-qorti nazzjonali b'mod li kien meħtieġ mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja eżerċizzju purament ta' interpretazzjoni. [24]

43. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk irrikonoxxiet għaliha nfisha marġni wiesa' ta' manuvra fit-tfittix ta' l-elementi ta' dritt Komunitarju li jeħtieġu interpretazzjoni sabiex tinstab soluzzjoni għall-kawża nazzjonali, u dan skond il-ħtieġa li tingħata "risposta utli" lill-qorti tar-rinviju u fi spirtu ta' kollaborazzjoni sħiħa ma' din ta' l-aħħar. Fil-kooperazzjoni bejn il-qrati, skond l-Artikolu 234 KE, li l-karatteristika tagħha

20 — Ara, *ex multis*, is-sentenzi ta' l-20 ta' Marzu 1986, Tissier (35/85, Ġabra, p. 1207, punt 9), u tat-18 ta' Novembru 1999, Teckal (C-107/98, Ġabra, p. I-8121, punt 34).

21 — Sentenzi Tissier, iċċitata iktar 'il fuq, punt 9; tat-2 ta' Frar 1994, Verband Sozialer Wettbewerb (C-315/92, Ġabra p. I-317, punt 7), u tas-7 ta' Novembru 2002, Bourrasse u Perchicot (C-228/01 u C-289/01, Ġabra p. I-10213, punt 33).

22 — Ara, b'mod partikolari, is-s-sentenzi tas-27 ta' Marzu 1990, Bagli Pennacchiotti (C-315/88, Ġabra p. I-1323); tas-6 ta' April 1995, Flip u Verdegem (C-315/93, Ġabra p. I-913); Teckal, iċċitata iktar 'il fuq, u Bourrasse u Perchicot, iċċitata iktar 'il fuq.

23 — Ara, b'mod partikolari, is-s-sentenzi ta' l-14 ta' Lulju 1971, Muller *et* (10/71, Ġabra p. 723); tat-13 ta' Diċembru 1984, Haug-Adrion (251/83, Ġabra p. 4277); Tissier, iċċitata iktar 'il fuq; tad-19 ta' Novembru 1991, Aliments Morvan (C-235/90, Ġabra p. I-5419) u tas-26 ta' Settembru 1996, Arcaro (C-168/95, Ġabra p. I-4705).

24 — Ara, b'mod partikolari, is-s-sentenzi tat-3 ta' Frar 1977, Strehl (62/76, Ġabra p. 211); tal-15 ta' Ottubru 1980, Roquette Frères (145/79, Ġabra, p. 2917), u ta' l-14 ta' Ġunju 1990, Weiser (C-37/89, Ġabra p. I-2395).

tikkonsisti fil-fatt li l-qorti nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja — kull waħda fil-limiti tal-ġurisdizzjoni tagħha u bl-għan li tiggarantixxi l-applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju — għandhom jikkollaboraw direttament u reċiprokament fl-elaborazzjoni tad-deċiżjoni, għandha tiġi eskluża kull awsterità li sservi biss biex iddewwem il-proċedura. [25] Il-possibbiltà wiesgħa li jiġu fformulati mill-ġdid id-domandi preliminari, anki jekk jiġi estiż is-suġġett, li l-Qorti tal-Ġustizzja tirriserva d-dritt li tagħmel, peress li dan iservi sabiex tiġi evitata ripetizzjoni li altrimenti tkun probabbli tat-talba għal deċiżjoni preliminari, għalhekk hija bbażata wkoll fuq raġunijiet ta' effiċjenza proċedurali.

44. Anki jekk il-formulazzjoni mill-ġdid tad-domanda preliminari mressqa mit-Tribunal du travail de Bruxelles skond it-termini ssuġġeriti mill-Kummissjoni ma tidhirx li toħroġ 'il barra mil-limiti wesgħin tal-ġurisdizzjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja, hekk kif ġew iddefiniti mill-ġurisprudenza, dan ovvjament ma jfissirx li l-Qorti tal-Ġustizzja hija obbligata taċċettaha.

45. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-obbligu, skond l-Artikoli 10 KE u 234 KE, li tagħti risposta għad-domandi ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju mressqa mill-qrati tar-rinviju li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ppreċiżati mill-ġurisprudenza, mhux l-istess jista' jingħad rigward l-obbligu tagħha li tagħti risposti għal domandi li ma tressqux minn dawn il-qrati iżda, minn partijiet li jieħdu sehem fil-proċedura preliminari, jiġifieri, skond l-Artikolu 23 tar-Regoli ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-partijiet fl-istanza prinċipali, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u, meta jkun il-każ, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Bank Ċentrali Ewropew, kif ukoll, fejn ikun involut wieħed mill-kampijiet ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Istati li huma partijiet kontraenti għal dan il-ftehim li ma jkunux l-Istati Membri u l-Awtorità ta' Sorveljanza prevista minn dan il-ftehim.

46. Il-fakultà li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha li tipprovdi lill-qorti tar-rinviju b'interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li tmur lilhinn minn dik li talbet l-istess qorti għandha tiġi eżerċitata b'kawtela u skond kemm jiġi kkunsidrat xieraq.

47. F'dan il-każ, nosserva li d-domanda li ssollevat il-Kummissjoni tmur ferm lil hinn mit-tħassib tal-qorti tar-rinviju. Minn ebda silta tad-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżulta li t-Tribunal du travail de Bruxelles għandu xi dubji dwar il-kompatibbiltà mad-dispożizzjonijiet jew prinċipji tad-dritt Komunitarju ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 16(1) tad-Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976, dispożizzjoni li barra minn

25 — Sentenza ta' l-1 ta' Diċembru 1965, Schwarze (16/65, Ġabra p. 1081, b'mod partikolari l-p. 1094).

hekk għadu ma fassalx il-punti prinċipali ta' l-interpretazzjoni tagħha. Għalhekk ninsabu quddiem sitwazzjoni ferm differenti minn dik fejn qorti tar-rinviju jkollha dubji rigward il-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali partikolari, li hija tinterpreta, permezz ta' dispożizzjoni partikolari tad-dritt Komunitarju, u fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi, *fid-dawl tas-sustanza tal-problemi mqajma mill-imsemmija qorti,* billi tirrileva n-nuqqas ta' applikabbiltà għal dan il-każ ta' din id-dispożizzjoni u fejn tipprovdi l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni differenti tad-dritt Komunitarju li tkun applikabbli għal dak il-każ u fejn jirriżulta li l-leġiżlazzjoni tirriżulta li tmur kontra. [26]

48. Il-formulazzjoni mill-ġdid tad-domanda preliminari li ġiet issuġġerita mill-Kummissjoni mill-bqija ma tidħirx li hija meħtieġa biex jiġi ssalvagwardjat l-effett utli tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Kif rajna, anki jekk id-domanda li għamlet il-qorti tar-rinviju tiġi fformulata b'mod mhux koerenti, huwa possibbli li tiġi fformulata mill-ġdid skond it-termini li indikajt fil-paragrafu 29 iktar 'il fuq biex xorta tkun żgurata risposta utli min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja.

49. Ikun xi jkun il-każ, inqis li mhux xieraq li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tfittex fid-dritt Komunitarju kollu dispożizzjoni li, eventwalment, tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħal dik li ġiet deskritta fil-formulazzjoni tad-domanda li qed tipproponi l-Kummissjoni. L-iktar, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina l-portata ta' l-unika dispożizzjoni Komunitarja li ġiet invokata konkretament mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, jiġifieri l-Artikolu 10 KE. Dan inqis b'analoġija mat-tendenza reċenti tal-ġurisprudenza li, rigward l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari, tinsisti partikolarment sabiex teħtieġ li l-qorti tar-rinviju tindika r-raġunijiet preċiżi li wassluha sabiex tqajjem dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju u sabiex tqis li deċiżjoni preliminari min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja hija meħtieġa, kif ukoll minimu ta' spjegazzjoni rigward il-motivi ta' l-għażla tad-dispożizzjonijiet Komunitarji li tagħhom qed titlob l-interpretazzjoni u dwar ir-rabta li tistabbilixxi bejn l-imsemmija dispożizzjonijiet u d-dispożizzjoni nazzjonali li tiġi applikata għall-kawża li tressqet quddiemha. [27]

50. Fl-aħħar nett, infakkar id-dmir tal-Qorti tal-Ġustizzja li tħares sabiex tiġi ssalvagwardjata l-possibbiltà għall-persuni kkonċernati, skond l-Artikolu 23 tar-Regoli ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub, meta jitqies il-fatt li qabel ma jiġu ppreżentati dawn

26 — Ara, per eżempju, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2004, My (C-293/03, Ġabra p. I-12013).

27 — Digrieti tat-28 ta' Ġunju 2000, Laguillaumie (C-116/00, Ġabra p. I-4979, punt 16); tad-19 ta' Ottubru 2004, Provvidenza Regio (C-425/03, mhux ippubblikat fil-Ġabra, punt 9); ta' l-1 ta' Diċembru 2005, Dhumeaux *et* (C-116/05, mhux ippubblikat fil-Ġabra, punt 21), u tat-13 ta' Lulju 2006, Eurodomus (C-166/06, mhux ippubblikat fil-Ġabra, punti 7 u 8). Fit-tieni minn dawn id-digrieti ta' inammissibbiltà nirrileva, b'mod partikolari, li l-qorti tar-rinviju ma kinitx ippreċiżat id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li tagħhom kienet talbet l-interpretazzjoni (punt 12).

l-osservazzjonijiet, jiġu nnotifikati lilhom id-deċiżjonijiet tar-rinviju biss. [28]

Min-naħa l-oħra, għandha tiġi ssalvagwardjata anki l-possibbiltà li jiġu ppreżentati osservazzjonijiet *bil-miktub*.

51. Proprju għar-raġunijiet li indikajt fil-paragrafu 47 iktar 'il fuq, il-possibbiltà għall-persuni interessati skond l-Artikolu 23 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja li jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fuq l-eżistenza eventwali ta' dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali bħal dik fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) tad-Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976 li ġiet interpretata skond ix-xewqat tal-Caisse, minkejja li żgur li ma kinitx għal kollox eskluża, madankollu kienet ferm teoretika. Huwa minnu li l-imsemmija persuni interessati — li, skond l-Artikolu 104(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, kienu ġew innotifikati bl-osservazzjonijiet bil-miktub li ppreżentat il-Kummissjoni — setgħu jieħdu pożizzjoni f'dan ir-rigward billi jitolbu li ssir seduta biex hemmhekk jippreżentaw osservazzjonijiet orali. Madankollu, minn naħa, ma rridux ninsew li, skond l-Artikolu 23 tar-Regoli ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-deċiżjoni tar-rinviju biss tiġi nnotifikata lill-persuni kkonċernati, partikolarment lill-Istati Membri, flimkien ma' traduzzjoni fl-ilsien uffiċjali ta' kull Stat, [29] filwaqt li l-osservazzjonijiet bil-miktub li tippreżenta l-Kummissjoni f'din il-proċedura preliminari jkunu ġew innotifikati lil dawn il-persuni interessati biss fil-verżjoni oriġinali tagħhom fil-lingwa tal-proċedura (il-Franċiż).

52. Jekk is-suġġett tal-proċedura preliminari jiġi iktar estiż, kif issuġġeriet il-Kummissjoni, għaldaqstant jidher li jkun meħtieġ li l-Istati Membri u l-partijiet fil-kawża prinċipali tingħatalhom il-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub dwar il-kwistjoni mqajma mill-Kummissjoni. Fuq kollox, jidhirli li huwa partikolarment importanti li jintalbu osservazzjonijiet mill-Gvern Belġjan, peress li l-imsemmija kwistjoni tista' tixħet dubji, indirettament, fuq il-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju ta' dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni Belġjana. Naturalment għadu possibbli li niksbu l-osservazzjonijiet in kwistjoni, iżda dan idewwem it-terminu ta' żmien ta' soluzzjoni ta' din l-istanza.

53. Jidhirli li l-kunsiderazzjonijiet li ssemmew iktar 'il fuq huma tali li ma nħossx li għandi nagħti l-parir li tiġi estiża l-portata ta' l-eżami li għandu jsir min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' din l-proċedura rigward il-kwistjoni ssuġġerita mill-Kummissjoni. Is-suġġett tad-domanda preliminari għalhekk, fil-fehma tiegħi, għandu jibqa' fil-limiti li stabbilejt fil-paragrafu 29 iktar 'il fuq. Min-naħa l-oħra, infakkar li l-Kummissjoni għandha dejjem il-possibbiltà li tirreferi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-kwistjoni tal-kompatibbiltà ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1)

28 — Sentenzi ta' l-1 ta' April 1982, Holdijk *et* (141/81 sa 143/81, Ġabra p. 1299, punt 6), u tal-11 ta' Settembru 2003, Altair Chimica (C-207/01, Ġabra p. I-8875, punt 25); digrieti tat-23 ta' Marzu 1995, Saddik (C-458/93, Ġabra p. I-511, punt 13), u Laguillaumie, iċċitata iktar 'il fuq, punt 14.

29 — Ara d-digriet Laguillaumie, iċċitat iktar 'il fuq, punt 24.

tad-Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976 maddritt Komunitarju billi tagħti bidu għal proċedura ta' ksur skond l-Artikolu 226 KE.

54. Għalhekk huwa biss sussidjarjament u fir-rigward tal-punti prinċipali li se nkompli neżemina l-mertu tal-kwistjoni jekk l-Artikolu 10 KE jipprekludix jew le dispożizzjoni nazzjonali li fuq il-bażi tagħha, fil-kuntest tal-ħlas min-naħa tal-korp nazzjonali kompetenti ta' l-allowances tal-familja għat-tfal dipendenti ta' persuna li taħdem għal rasha, it-tifel ta' dak il-ħaddiem li jibbenefika minn allowances għall-familja mħallsa skond ir-Regolamenti tal-Persunal u l-KĦO ma jiġix ikkunsidrat, sabiex tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni tat-tfal l-oħra ta' l-istess ħaddiem, sekwenza li, skond din id-dispożizzjoni, tinfluwenza l-ammont ta' l-allowances tal-familja li għandhom jitħallsu minn dawn.

55. Il-Kummissjoni esprimiet ruħha favur risposta affermattiva għal din id-domanda fejn f'dan ir-rigward invokat il-preċedent stabbilit mis-sentenza My,[30] rigward dispożizzjoni nazzjonali li ma kinitx tippermetti lill-korp kompetenti tas-sigurtà soċjali sabiex iqis is-snin ta' servizz f'istituzzjoni Komunitarja sabiex jiġi rrikonxxut id-dritt għal pensjoni ta' rtirar kmieni skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

56. Fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li osservat li l-Artikolu 10 KE jimponi lill-Istati Membri li jiffaċilitaw l-adempiment tal-missjoni tagħha, effettivament iddeċidiet li l-imsemmi Artikolu, meta jinqara flimkien mar-Regolamenti tal-Persunal, kien jipprekludi tali leġiżlazzjoni nazzjonali.[31]

57. Madanakollu, ma jistax ma jiġix irrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja waslet għal din il-konklużjoni wara li kkonstatat li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali "tista' tfixkel u, għaldaqstant, tiskoraġġixxi l-eżerċizzju ta' attività professjonali fi ħdan istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea safejn, billi jaċċetta impjieg ma' istituzzjoni bħal din, ħaddiem li qabel kien affiljat fi skema ta' pensjoni nazzjonali, ikun qiegħed jieħu r-riskju li jitlef il-possibbiltà li jgawdi, taħt dik l-iskema, il-pensjoni ta' l-anzjanità li huwa kien ikollu dritt għaliha li kieku ma aċċettax dan l-impjieg."[32].

58. Dan ifisser li l-Qorti tal-Ġustizzja tat importanza, sabiex tikkunsidra l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali bħala li tmur kontra l-Artikolu 10 KE, indipendentement minn jekk tinqarax flimkien mar-Regolamenti tal-Persunal, għall-fatt li din setgħet tagħmel

30 — Iċċitata iktar 'il fuq.

31 — *Ibid*, punti 48 u 49.

32 — *Ibid*, punt 47.

iktar diffiċli li l-Komunità tirrekluta uffiċjali nazzjonali li jkollhom ċerta anzjanità, biex b'dan il-mod tostakola l-operat ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji.

59. Fis-sentenza Tither,[33] rigward skema nazzjonali li kellha l-għan li taġevola x-xiri u t-titjib ta' djar, li kienet teskludi mill-allowance prevista (sussidji fuq l-imgħax passiv tas-self ipotekarju) dawk il-persuni li jwettqu funzjonijiet li għalihom huma kienu jirċievu ħlas mhux taxxabbli skond eżenzjoni speċjali jew immunità, u għalhekk l-uffiċjali tal-Komunitajiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet preċedentement użat metodu analogu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet mill-qorti tar-rinviju biex, b'mod partikolari, tindika jekk l-Artikolu 5 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 10 KE) jimponix fuq l-Istat Membru kkonċernat li jagħti l-allowance anki lill-imsemmija persuni fil-każ fejn dawn ikunu ssodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti mill-iskema in kwistjoni. Filwaqt li fakkret li d-dispożizzjoni ċċitata, "tipprekludi, b'mod partikolari, lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri li jistgħu jostakolaw l-operat ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji", il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm leġiżlazzjoni bħall-iskema in kwistjoni jista' jkollha "l-effett li tiċħad lill-uffiċjali u impjegati tal-Komunitajiet minn vantaġġ finanzjarju li dawn setgħu jibbenefikaw minnu li kieku ma kellhomx din il-karatteristika", ma jidhirx li kienu "dispożizzjonijiet li kellhom l-għan li jiddiswadu lil ċerti persuni milli jidħlu fis-servizz tal-Komunità jew li jħeġġuhom milli jabbandunaw il-funzjonijiet li jeżerċitaw hemmhekk", jiġifieri li huma tali "li jostakolaw l-operat ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji". Għaldaqstant, hija kkonkludiet li l-Artikolu 5 tat-Trattat KEE ma kienx jipprekludi lill-Istati Membri milli jiċħdu lill-uffiċjali u lill-impjegati tal-Komunitajiet allowance bħal dik prevista mill-iskema nazzjonali in kwistjoni fil-kawża prinċipali.

60. Madankollu, jekk nerġgħu lura għall-proċedura preliminari in kwistjoni, naraha diffiċli li wieħed jista' jsostni li dispożizzjoni bħal dik ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) tad-Digriet Irjali tat-8 ta' April 1976 — fejn ġiet interpretata bħala li teskludi li, fil-kuntest li ddefiniet hija stess, jiġu kkunsidrati t-tfal ta' persuna li taħdem għal rasha li jibbenefikaw minn allowances tal-familja skond ir-Regolamenti tal-Persunal jew tal-KĦO — hija tali li tiddiswadi lil ċerti persuni milli jidħlu fis-servizz tal-Komunità jew li tħeġġiġhom milli jabbandunaw il-funzjonijiet li jeżerċitaw hemmhekk. Hija l-istess Kummissjoni li qed tirrileva, b'referenza għal dan il-każ, li l-leġiżlazzjoni Belġjana ma ttellef xejn lill-uffiċjal Komunitarju in kwistjoni (l-ewwel raġel ta' S. Gysen, missier Adrien), peress li sempliċement għandha bħala effett li tnaqqas, meta pparagunat ma' dak li jkun

33 — Sentenza tat-22 ta' Marzu 1990 (C-333/88, Ġabra p. I-1133).

altrimenti, l-ammont ta' l-allowances tal-familja li l-Caisse għandu jħallas lill-eks-mara tiegħu għat-tfal, Augustin u Elise, li l-mara kellha mit-tieni raġel, li mhuwiex uffiċjal jew impjegat tal-Komunità.[34] Barra minn hekk, anki jekk irridu nqisu li tali tnaqqis jispiċċa biex ikollu impatt fuq l-ammont tar-riżorsi li S. Gysen tista' tuża biex tlaħħaq ma' l-ispejjeż ta' manteniment ta' l-ewwel tifel tagħha u għalhekk, fl-aħħar nett, sabiex jinfluwenza l-medda ta' l-obbligi li għandu l-missier ta' dan ta' l-aħħar, impjegat Komunitarju, bħala kontribuzzjoni għal dawn l-ispejjeż, influwenza tali tkun wisq indiretta u marġinali sabiex toħloq effett dissważiv jew provokattiv.

61. Naturalment, il-Kummissjoni ġustament qed tenfasizza li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Belġjana, li ġiet interpreta kif ġie indikat fil-paragrafu preċedenti, tiddetermina għal S. Gysen u wliedha Augustin u Elise, minħabba l-uniku fatt, b'mod definittiv, li missier Adrien għandu mpjieg ma' istituzzjoni Komunitarja, trattament iktar sfavorevoli minn dak li kienu jkollhom kieku l-imsemmi missier ma kellux dan l-impjieg.[35] Fid-dawl tal-kriterju ta' interpretazzjoni deduċibbli mis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Tither u My, din id-differenza fit-trattament madankollu ma tikkostitwixxix, fil-fehma tiegħi, ksur min-naħa ta' l-Istat Belġjan tad-dmir ta' kollaborazzjoni leali ma' l-istituzzjonijiet Komunitarji stabbilit mill-Artikolu 10 KE.

62. Nistgħu forsi nżidu wkoll — peress li dan imur lil hinn mil-limiti ta' l-eżami li ddeċidejt li nagħmel u kif fissirt fil-paragrafi 29 u 53 iktar 'il fuq — tali nuqqas ta' ugwaljanza fit-trattament ma tistax tiġi pprojbita billi jiġi invokat il-prinċipju tat-trattament ugwali bħala prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju jew l-espressjonijiet speċifiċi tiegħu li jikkostitwixxu b'mod partikolari l-Artikolu 12 KE (projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità) u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68 tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-impjegati fi ħdan il-Komunità[36] (fejn il-ħaddiem li jkun ċittadin ta' Stat Membru li jaħdem fit-territorju ta' Stat Membru ieħor "għandu jgawdi l-istess vantaġġi soċjali u ta' taxxa bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru"). Mill-inkartament in kwistjoni, fil-fatt, ma jirriżulta l-ebda element li jippermetti li wieħed iqis li dan huwa każ li jikkonċerna sitwazzjoni li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju u mhux ta' sitwazzjoni purament interna ta' l-Istat Belġjan.

34 — Osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni, punti 37 u 38.

35 — *Ibid*, punt 40.

36 — ĠU L 257, p. 2.

V — Konklużjoni

63. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li semmejt iktar ’il fuq, nissuġġerrixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari tat-Tribunal du travail de Bruxelles b’dan il-mod:

“Ir-Regolamenti tal-Persunal ta’ l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet ta’ l-Impjieg ta’ impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li kienu approvati mir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, tad-29 ta’ Frar 1968, għandhom applikazzjoni ġenerali, għandhom jorbtu fl-intier tagħhom u huma direttament applikabbli f’kull Stat Membru.

Huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju, li għandha l-ġurisdizzjoni li tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali, li tiddetermina jekk, fid-dawl ta’ l-imsemmija karatteristiċi, dawn l-atti jikkostitwixxux “konvenzjoni internazzjonali tas-sigurtà soċjali fis-seħħ fil-Belġju” skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali in kwistjoni fil-kawża prinċipali”.